**L-Atti tal-Inkjesta datata 19 ta' Novembru 2019, rigward skont it-Termini ta' Referenza ta' l-Inkjesta Pubblika dwar l-Assassinju ta' Daphne Caruana Galizia.**

**Seduta miżmuma llum it-Erbgha 26 ta' Frar 2020, fis-2:00 p.m. fit-Tieni Sular, Awla 20, il-Qorti.**

Xhud L-**Avukat Dr Andre` Camilleri** iben Thomas u Francesca nee` Ellul imwieled Hal Luqa u residenti n-Naxxar bil-Malti u bil-gurament tieghu jghid:

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Inti ghamilt zmien tahdem l-MFSA. Meta bdejt u x' kien il-perjodu illi domt tahdem hemmhekk?

***Ix-Xhud :***
Bdejt fl-1994 sa 1996 meta kienet ghadha MFSC – Centru ghas-Servizzi Finanzjarji.

***Imhallef A Lofaro :***
3 years.

***Ix-Xhud :***
Imbaghad irrezenjajt ghal sitt snin u ergajt inghaqqad fl-2002 sa meta rtirajt fl-2014; Awwissu ta' l-2014.

***Chairman Imhallef M Mallia :***
U r-rwol tieghek fil ..

***Ix-Xhud :***
Fl-ewwel fazi kienet Chief Executive; u fit-tieni fazi kienet Director General.

***Imhallef A Lofaro :***
It-tieni fazi l-itwal hux hekk?

***Ix-Xhud :***
Iva.

***Imhallef A Lofaro :***
L-itwal wahda.

***Ix-Xhud :***
2002 sa 2014.

***Imhallef A Lofaro :***
Sa meta irtirajt.

***Ix-Xhud :***
Hekk hu.

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Bhala Director General x' kien l-kompitu tieghek?

***Ix-Xhud :***
Minn meta tfasslu l-ligijiet tas-servizzi finanzjarji illi dejjem kien hemm qbil unanimu fil-Parlament dwarhom, kien hemm qbil illi jkun hemm segregazzjoni bejn id-decizjonijiet li jirrigwardjaw licenzjar u sansjonar ta' l-istituzzjonijiet licenzjati, u l-policy tal-Bord ta' l-awtorita` in generali. Min jigi impjegat, x' ikun il-budget, etc. Allura twaqqfu zewg korpi – il-Board of Governors li kienu political appointees, u s-Supervisory Council skont artikolu 10 tal-ligi illi llum taht Supervisory Council ma ghadux jezisti, illi kont niccerja jien. U li fih kien hemm id-diretturi ta' kull settur regulat minn l-MFSA. Jigifieri kien hemm id-direttur tal-Banking, ta' l-Insurance, tas-Securities. Kien hemm anke direttur dak iz-zmien meta kien ir-Registru tal-Kumpaniji parti minn l-MFSA kien ikun anke membru ta' Supervisory Council, r-Registratur tal-kumpaniji, u jiena kont niccerja dak il-Kunsill.

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Dak il-kuminat. Jigifieri dwar kwistjonijiet ta' hasil ta' flus u compliance taht liema sessjoni kienu jaqghu dawn?

***Ix-Xhud :***
Ma kinetx il-kompitu primarju taghna. L-FIAU kienet l-awtorita` hawn Malta illi tiehu hsieb dak il-qasam, pero` ovvjament ahna bhala r-regolatur u s-supervisor ta' l-awtoritajiet licenzjati konna nikkoordinaw hafna …

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Ma' l-FIAU.

***Ix-Xhud :***
.. ma' l-FIAU, u kull ma naraw illi seta' jaghtina suspett konna nirreferuh lill-FIAU, pero` ma kellniex legalment kompitu primarju li niehdu azzjoni ahna. Stajna nirreferu l-Financial Intelligence Analysis Unit.

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Kontu zzommu l-Board of Governors informat b’’ dak li kontu qed taghmlu?

***Ix-Xhud :***
No. Is-segregazzjoni bejn il-Bord u l-Kunsill sakemm domt hemm jiena kienet tinzamm kienet stretta hafna, nista’ nassigura li qatt hadd ma ndahalli la c-Chairman u lanqas ebda mill-gvernaturi tal-Bord min ghandu jigi moghti licenzja, min ghadnu jigi sanzjonat jew le. Qatt ma kelli dak it-tip ta’ ndhil. Dika nista’ nghida bil-qalb kollha.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Pero` x’ gara wara li tlaqt inti ma tafx.

***Ix-Xhud :***
Le.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Taf ghaliex qed nghid? Ghax ahna ghandna informazzjoni illi l-Bord kien jigi,.. jew almenu c-Chairman tal-bord kien jigi nfurmat b’ dak li kien qed jigri affarijiet serji.

***Ix-Xhud :***
No, inqtajt ..

***Imhallef J Said Pullicino :***
Inti fil-kaz tieghek zgur li le.

***Ix-Xhud :***
Inqtajt kompletament.

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Inti spiccajt fit-2014 le?

***Ix-Xhud :***
2014.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Jista’ ikun li l-persuna taghmel differenza wkoll

***Ix-Xhud :***
F’ kull entita`, u minn l-esperjenza tieghi jiddependi,…

***Imhallef J Said Pullicino :***
Jiddependi mill-persuna ..

***Ix-Xhud :***
… jista' ikollok l-ahjar ligijiet. Jekk il-persuna ma tkunx ..

***Imhallef A Lofaro :***
Hekk hu; quite right.

***Ix-Xhud :***
Allura  ma jiffonzjonawx.

***Imhallef J Said Pullicino :***
….jinbidlu c-cirkostanzi u allura jinbidlu anke ….

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Voldieri meta gew pubblikati l-Panama Papers inti ma kontx hemm

***Ix-Xhud :***
No.

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Kont ga spiccajt.

***Ix-Xhud :***
Iva iva; sentejn qabel.

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Kont sentejn qabel.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Jigifieri jekk l-FIAU taghmel rapport, investigazzjoni u rapport, kienu jinformawkom lilkom jekk kien jikkoncerna xi istituzzjoni  …….?

***Ix-Xhud :***
Iva, minhabba li jista' ikun hemm impatt fuq il-licenzja ta' dik l-entita`. Jista' ikun hemm sitwazzjonijiet fejn dik l-entita` tintalab tissospendi l-attivita` sakemm titkompla u titlesta l-investigazzjoni. Pero` fil-verita` fi zmien li kont hemm jiena ma niftakarx li qatt issospendejna xi licenzja ta' bank jew ta' xi kumpanija ta' assikurazzjoni ghal dik ir-raguni.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Pero` wara li tlaqt inti, ovvjament its public knowledge li kien hemm dawn.

***Ix-Xhud :***
Imma ma kontx..

***Imhallef J Said Pullicino :***
Le le, wara li tlaqt int. Its public knowledge fis-sens li llum jirrizulta - pruvat illi kien hemm cirkostanzi fejn licenjza gie sopiza jew inkella eventwalment ...

***Ix-Xhud :***
Iva iva.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Imma fi zmienek dan ma garax.

***Ix-Xhud :***
No.

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Il-licenzja tal-Pilatus fi zmienek inghatat?

***Ix-Xhud :***
Iva.

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Fi zmienek?

***Ix-Xhud :***
Yes.

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Kont involut fiha din?

***Ix-Xhud :***
Iva. Jiena qed nassumi li dan il-Bord ghandu d-dossier tal-Pilatus Bank ta’ l-MFSA, ‘l ghaliex  minnu johrog kull komunikazzjoni li kellu l-MFSA anke mal-Bank Centrali ta’ Malta, ghax ahna konna nzommu anke kuntatt regolari; kellna anke persuni, kien hemm il-Financial Stability Unit per ezempju li ahna l-MFSA konna nippartecipaw fih minkejja li kienet mansjoni primarja tal-Bank Centrali l-financial stability fil-pajjiz. Imma f’ dak il-kumitat kienu jigu anke diskussi applikazzjonijiet ta’ licenzji, gie li anke qabel jinhargu u mhux darba u tnejn li hadna l-opinjoni tal-Bank Centrali anke wara li s-supervizjoni tal-banek ghaddiet minn ghand il-Bank Centrali fl-2002 u giet ghand l-MFSA. Ghax qabel l-2002 il-Bank Centrali kien jillicenzja l-banek. Ghaddew ghand l-MFSA minn l-2002 ‘il quddiem.

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Voldieri anke minn dak iz-zmien xorta bqajtu f' kuntatt mas-Central Bank ..

***Ix-Xhud :***
Regolari, regolari. U iktar u iktar, jekk tippermettuli, wara l-2014 kwazi ezatt kif irtirajt jiena minhabba li l-Bank Centrali ta' l-Ewropa li jaghmel parti minnu l-Bank Centrali ta' Malta bhala membru tal-Eurozone, illi sar is-supervisor tal-banek kollha fiz-zona Ewro. Hemm tlieta illi l-ikbar tlieta hawn Malta li huma direttament supervised mill-Bank Centrali ta' l-Ewropa, imma anke z-zaghar, dawk li jghidulhom il- 'less significant institutions' inkluz kien il-Pilatus Bank, jibqghu supervised minn l-awtorita` Maltija imma b' involviment qawwi tal-Bank Centrali Ewropew to the extent illi t-tehid tal-licenzja ta' bank anke jekk ikun zghir kemm ikun zghir, decizjoni finali tittiehed Frankfort u mhux hawn Malta. Fil-fatt il-Pilatus Bank il-licenzja tieghu tnehhiet fit-2 ta' Novembru 2018 jekk minhiex sejjer zballjat mill-Bank Centrali ta' l-Ewropa fuq rakkomandazzjoni ta' l-MFSA.

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Fuq rakkomandazzjoni ta' l-MFSA.

***Ix-Xhud :***
Ehe.

***Imhallef A Lofaro :***
Imma meta gejtu biex tirregistraw il-bank inkontrajtu problemi? Suspetti?

***Ix-Xhud :***
Le, kieku ma konniex nillicenzjawh. Li naf zgur li niftakar, imma nerga' infakkar id-dossier qieghed hemm ..

***Imhallef A Lofaro :***
We have it.

***Ix-Xhud :***
Fih id-detttalji kollha; konna qabbadna kumpanija internazzjonali a spejjez ta' l-Awtorita` ovvjament, ghamlitilna indagni u ghamlet ricerka dettaljata; mir-rapport taghha taraw anke l-ammont ta' websites illi huma accessaw, Amerikani, ghax hu kellu anke residenza tieghu Virginia jekk minhiex sejjer zball, u ma kien hemm xejn li fuqha ahna stajna nghidu – le dan ma jinghatax licenzja.

***Imhallef A Lofaro :***
Jidhirli li hu ma kienx bankier hux hekk?

***Ix-Xhud :***
Pero` kellu ta' l-inqas zewg kumpaniji ta' asset management go l-Izvizzera li ma kinetx ghalina, ghalkemm mhux fl-EU, ma kinetx gurisdizzjoni tal-habba gozz, u kellu hafna esperti mieghu wkoll, u kompetenti anke fit-tmexxija tal-banek. U ma ninsewx, l-Awtorita` ma setghetx u laqnas illum ma tista' kappricjozament iccahhad lil xi hadd li japplika ghal licenza minghajr raguni valida. Anke bi trattar tal-funjonament ta' l-EU, kull korp amministrattiv inkluz hawn Malta irid jiggustifika ghaliex qed jiehu decizjoni u mhux ohra. Ahna konna gwidati mill-banking act ta' dak iz-zmien u mil-ligi ta' l-MFSA, u bhala Kunsill, mhux decizjoni li hadtha wahdi. Kif ghedtilkom, dawk in-nies kollha, konna niltaghu regolari; il-process ha hafna. Domna kwazi  sena minn l-applikazzjoni sa meta ddecidejna li naghtuh licenzja; u ma kien hemmx raguni ghalfejn incahhduh minn dik il-licenzja. Pero` l-licenzja hija biss step number one.

***Imhallef A Lofaro :***
Ezatt.

***Ix-Xhud :***
Kull gurnata wara l-ghoti tal-licenzja l-bank irid ikun compliant mija fil-mija mal-ligijiet ta' Malta; u mhux ta' Malta biss, anke mas-CRD IV, mal-Capital Requirement Directive ta' l-EU, u mal-Capital Requirements Regulation ta' l-EU, u allura jrid jigi..; ghalhekk is-supervision hija xi haga ta' kuljum.

***Imhallef A Lofaro :***
Importanti hafna, ezatt. Di fatti ma kienx qalilkom li hafna klijenti tieghu per ezempju jew.. , hafna insomma, kellu mhux hazin, minn l-Azerbaijan etc etc. He hadn't disclosed it meta kien applika l-licenzja.

***Ix-Xhud :***
Mhux f' dak id-dettal. Pero` konna nafu li dan mhux ser ikun retail bank. Dan ser ikun bank biex jamministra l-flus tal-klijenti l-kbar tieghu, inkluz dawk illi kien diga` jamministralhom l-assi go l-Izvizzera, u ghazel lil Malta fost il-guridizzjonijiet id-19 taz-zoda Ewro ghal diversi ragunijiet; bhal ma ghamlu hafna banek ohrajn. Ma ninsewx li kien hawn zmien hawn Malta, illum ghandna 25 bank jidhirli li licenzjati. Kien hemm zmien meta anke 28 kien hawn. B' sitta biss jghinu u jassistu lill-pubbliku Malti fil-htigijiet bankarji taghhom. Hafna minnhom huma intenzjonati biex jippasportjaw lejn l-Ewropa, inkluz banek minn l-Awstralja, banek minn diversi gurisdizzjonijiet ohrajn; riedu pied-a-terre fl-Ewropa u jghazlu Malta. 1), ir-raguni primarja kienet il-lingwa. Il-fatt li ahna hawn Malta lingwa ufficjali huwa l-Ingliz. L-Ingilterra wkoll imma ma humiex fiz-zona Ewro; u Cipru kellhom reputazzjoni iktar negattiva minn Malta minhabba r-Russja essenzjalment. Allura Malta kienet

tiehu dak il-vantagg u hafna applikazzjonijiet gew ghal dawk ir-ragunijiet. Pero` biex jamministraw il-flejjes tal-klijenti primarji taghhom.

***Imhallef A Lofaro :***
Imma l-klijenti tieghu kien semma li kien hemm minn l-Aizerbaijan ..

***Ix-Xhud :***
Ma niftakarx; imma kif ghedt, minn l-ewwel gurnata ta' meta inghata l-licenzja kull spettur tal-banking unit ta' l-MFSA seta' imur u jara l-lista tal-klijenti. Normalment hekk jigri.

***Imhallef J Said Pullicino :***
That was perfect illegitimate business hux hekk?

***Imhallef A Lofaro :***
Mhux hekk? At the time.

***Imhallef J Said Pullicino :***
In-negozji li jrid jaghmel il-bank kien legittimu.

***Ix-Xhud :***
Li kellna l-icken dubju fuq il-legittimita` tan-negozju ibqa' cert illi ma kienx jinghata l-licenzja.

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Ghandi nifhem illi kienet kumpanija ta' awdituri rinoma illi introduciet lill-Pilatus lill-MFSA.

***Ix-Xhud :***
Bhal ma jigri dejjem; fil-bicca l-kbira tal-kazi applikazzjonijiet ta' entitajiet fil-kamp ta' l-assikurazzjoni u tal-banking, anke tas-securities, generalment jafdaw awditur wiehed mit-top 5 jew 6 illi ghandna Malta, u hu, l-awditur kwazi jigi l-ewwel ghand l-MFSA. Imbaghad jekk ahna naghtu indikazzjoni illi ma jidhrix li hemm problemi fl-applikazzjoni inizjali - preliminari, ha nghid hekk, imbaghad dan l-awditur igib mieghu l-klijent u naghmlu l-ewwel meetings ha nidhlu iktar fril-fond fl-applikazzjoni. Hekk kien ikun il-process.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Korrett li nghid li ghandkom registru ta' business introducers? L-MFSA jezisti dan ir-registru?

***Ix-Xhud :***
Illum ma nafx; pero` dak iz-zmien ma jidhirlix li kien hemm.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Ma kienx hemm.

***Ix-Xhud :***
No. Li kellna ovvjament kellna company service providers illi konna nafu min huma; generalment hafna minnhom kienu offshoots ta' dawn l-audit firms li qed insemmu illi ma jkunux huma l-audit firm innifisha, pero` tkun waqqfet sussidjarja biex taghti servizz ta' company assistance.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Involviment Malti ma kienx hemm fil-kaz ta' Pilatus?  Involviment Malti ..

***Ix-Xhud :***
Insistejna li jkun hemm diretturi Maltin fuq il-Bord.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Le imma meta giet introdotta....

***Imhallef A Lofaro :***
Shareholding ..

***Ix-Xhud :***
Ma jidhirlix, no. Ma niftakarx li kien hemm. Pero` nerga' nghid mill-file ghandu johrog kollox, inkluz minuti tal-meetings illi kellna mieghu – ma' Ali Sadr

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Minghalija, rajt se li KPMG kienet ..?

***Ix-Xhud :***
KPMG

***Chairman Imhallef M Mallia :***
KPMG hux hekk?

***Ix-Xhud :***
Yes.

***Imhallef A Lofaro :***
Kontu b' xi mod .. giet irregistrata maghkom Mrs Sai Mizzi, Brian Tonna …?

***Ix-Xhud :***
No.

***Imhallef A Lofaro :***
Xejn.

***Ix-Xhud :***
No no. Nerga’ nghid illi dak li kien hemm fil-Panama hareg fl-2016, kont diga` tlaqt, kont ilni sentejn li tlaqt. Pero` dawk l-ismijiet li semmejt inti qatt ma jidhirli li kienu..lanqas bhala diretturi f’ xi entita` licenzja minn l-MFSA.

***Imhallef A Lofaro :***
Lanqas Mrs Mizzi jigifieri.

***Ix-Xhud :***
No. L-isem nafu mill-media, but not through MFSA.

***Imhallef A Lofaro :***
…illi forsi fuq xi registru ta’ business introducers .

***Ix-Xhud :***
Pero` apparti ..

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Ma ghandhomx, ma kienx izommhom.

***Imhallef A Lofaro :***
Hekk qed jghid; ma kellhomx

***Ix-Xhud :***
Jekk.., illum Malta ghandna tmenin elf kumpanija registrata jekk mhux izjed; dak huwa registru pubbliku. Jigifieri jekk wiehed jidhol …

***Imhallef A Lofaro :***
Online, ehe.

***Ix-Xhud :***
..fir-registry of companies u anke jaghmel ricerka – Sai Mizzi, jitla’ kull fejn hija jew kienet direttur ta’ kumpanija. It’s public.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Fuq ix-xoghol ta’ MFSA u wara li tinghata licenzja mill-bank x’ forma ta’ sorveljanza taghmel fuq l-attivita` tal-bank? Jigifieri ikun hemm follow-up jew inkella ..?

***Ix-Xhud :***
Assolutament, assolutament. Hawn Malta ma ghandniex dak il-kobor ta' banek, pero` f' guridizzjonijiet ohrajn ser ikun hemm rapprezentanti gie li anke 5 - 6 ta' supervisor residenti fil-bank. Jigifieri jahdmu fil-bank qishom haddiema tal-bank pero` ikun haddiema tal-BaFin per ezempju l-Awtorita` Germaniza, jew tal-Awtorita` supervizorja Franciza. Ghax tant il-bank jiggenera negozju u attivita` illi r-regolatur isiba iktar facli jhalli numru ta' impjegati dejjem hemm, mid-dar imorru hemm flok imorru ghand l-awtorita`, halli jkunu up-to-date ma x' inhu jigri fil-bank.

***Imhallef J Said Pullicino :***
U fil-kaz ta' Malta allura x' ….?

***Ix-Xhud :***
M' hemmx dik il-htiega minhabba d-distanzi huma zghar, pero` supervision tal-banek kienet issir fuq bazi regolari.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Regolari.

***Ix-Xhud :***
U gie li ddum hmistax supervisory visit; anke fil-kumpaniji ta' l-insurance, anke fil-kumpanija tas-securities, investment ..

***Imhallef J Said Pullicino :***
…. l-impjegat tas-supervisor jidhol fil-mekkanika ta' kontijiet individwali wkoll?

***Ix-Xhud :***
Kollox. Ma jista' izomm mohbi xejn. Li jistaqsi s-supervisor ghandu jinfetah. Dik hija r-regola ta' good supervision.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Jigifieri halli niehdu issa.., ma kontx hemm inti, imma kieku kont hemm x' kont taghmel. Pilatus Bank suppost kien hemm xi hadd kull sitt xhur per ezempju qieghed hemm minn l-MFSA u jiccekkja l-kontijiet jghidlu hawnhekk mhux qed toghgobni din, jew jaghmel rapport?

***Ix-Xhud :***
Iva iva hekk jigri. U milli qrajt kienet tigri wkoll fil-Pilatus Bank; milli qrajt anke mix-xhieda ta' Ms Marianne Scicluna per ezempju, li gie li saru inspections ta' Pilatus .

***Chairman Imhallef M Mallia :***

Gie allegat almenu fil-media illi l-bank kellu a double system of accountancy; dak li juri lilkom u dak li ghandu huwa privat ghalih. Xi tghidli ghal din? Possibbli li jsir hekk?

***Ix-Xhud :***

Min irid iqarraq ser isib mod kif iqarraq.

***Imhallef A Lofaro :***

Ser isib mod; mhux hekk?

***Ix-Xhud :***

U mhux necessarjament ser jiskopriha supervisor bravu kemm ikun bravu. Ghaliex inti jekk tohloqha dik, ser tohloqha biex ma jarahiex is-supervisor. Pero` imbaghad tidhol ir-responsabbilta` li ma taqax taht l-Awtorita` direttament, ta' l-awditur tal-Bank. Jekk l-awditur ikun jaf illi hemm sistemi jew makkanizmi simili, dak l-awditur qed jirriskja c-certifikat li ghandu bhala awditur hawn Malta. Which is a very high risk ghax jitlef il-hobza..

***Imhallef J Said Pullicino :***

Ma tafx min kien l-awditur tal-..

***Ix-Xhud :***

Ma nafx jekk kienux KPMG. KPMG naf li assistewh..

***Imhallef J Said Pullicino :***

Imma wara li gew, wara li sar jigifieri jekk baqghux huma.

***Ix-Xhud :***

Ma' ghandix idea. Pero` again, mill-file ta' l-MFSA l-awditur johrog car ghax kien jipprezenta; u nghid ukoll ghandu johrog 'l ghaliex sakemm irtirawlu l-licenzja fl-2018 Pilatus Bank ipprezenta ta' l-inqas tliet rapporti annwali bhala bank. Hemmhekk johrog mir-rapport annwali min kien l-awditur kull sena. Allura, u dak huwa accessibbli mir-registru tal-kumpaniji. M' hemmx ghalfejn tidhol fis-supervisory file ta' l-MFSA. It's a public document.

***Imhallef J Said Pullicino :***

U jekk kien hemm dan id-double filing jigifieri …

***Ix-Xhud :***

Mhux ser johrog mir-registru.

***Imhallef A Lofaro :***
Le, da zgur li le.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Ikun il-legittimu.

***Ix-Xhud :***
Assolutament; assolutament.

***Imhallef A Lofaro :***
So that's not lawful.

***Ix-Xhud :***
No, absolutely; imbaghad credit institution! Lanqas kumpanija privati tal-familja strettament.

***Imhallef A Lofaro :***
Mhux hekk? Qalulna li ma' l-ewwel inspection ma tawhomx id-dokumenti, imbaghad qalulhom x' kien hemm nieqes..

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Daka ta' l-FIAU

***Imhallef A Lofaro :***
Ehe, ta' l-FIAU. U marru; ma nafx tistax tghidilna fuqha. This is about FIAU now.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Pero` ha nkunu cari. Is-supervisory …...MFSA huwa differenti minn l-FIAU hux hekk?

***Imhallef A Lofaro :***
Yes it is.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Assolutament yes.

***Imhallef A Lofaro :***
Ghalhekk ghedt ma nafx jekk jistax iwegibha. I am just asking. If he can he can.

***Ix-Xhud :***
Pero` mhux eskluz illi bank partikolarment fl-ewwel snin tieghu jinstabulu deficcjenzi, jew kumpaniji ohra ta' l-assikurazzjoni.

***Imhallef A Lofaro :***
Imma qalulhom li dawn dejjem kienu hemm id-dokumenti?

***Ix-Xhud :***
Skuzi?

***Imhallef A Lofaro :***
Qalulhom ghax dejjem hawnhekk kienu; intom ma tlabtuhomx. Dak li jkun irid jitlobhom jew inti trid taghtihomlhom?

***Ix-Xhud :***
Le, bhala regola supervisor li jidhol jaghmel inspection ikun jaf; ikollu lista ta' xi jrid jara.

***Imhallef A Lofaro :***
I see. Jinkombu lilhom mela biex jistaqsi ghalihom.

***Ix-Xhud :***
Hekk hu hekk hu.

***Imhallef A Lofaro :***
Mhux lill-bank.

***Ix-Xhud :***
Hekk hu. Jigifieri meta tmur tmur ippreparat biex taghmel inspection u jiddependi x' tip ta' kumpanija. Jekk inhija kumpanija ta' assikurazzjoni ser ikollok lista' ta' dokumenti  li tixtieq tara mod; ta' credit institute ta' bank tkun lista mod iehor. U l-istess ta' investment advisor; ivarjaw.

***Imhallef A Lofaro :***
Yes. Jigifieri din mhix xi haga straordinarja li kellhom imbaghad jitolbuhom id-dokumenti u tawhomlhom. No.

***Ix-Xhud :***
Ma tbezzanix jien; tista' tigri. L-importanti li l-bank meta titolbu mbaghad jista' ifornik bid-dokument u jkun dokument mizmum tajjeb.

***Imhallef A Lofaro :***
U suppost li l-inspections ikunu surprise? Ghax f' dan il-kaz qalulhom li ha jmorru.

***Ix-Xhud :***
Ghandu dritt is-supervisor; bhala regola ma jkunux.

***Imhallef A Lofaro :***
Ma taghmluhiex hux?

***Ix-Xhud :***
No. Pero` jekk jaslillna, bhala supervisor jasallu compliant serju ta' deficjenza serja, anke minn konsumatur tal-bank, ma jzomm xejn is-supervisor li jmur ihabbat u jidhol u jistaqsi lic-Chief Executive jew lil-Company Secretary jew whatever – ha nara issa dak id-dokument .

***Imhallef A Lofaro :***
Ghandek kull dritt.

***Ix-Xhud :***
Dak il-poter qieghed fil-ligi.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Jigifieri inti nifhem jien allura li meta hargu l-Panama Papers nifhem illi inti awtomatikament l-MFSA dahlet, marret biex tara x' inhi l-istorja, hux hekk?

***Ix-Xhud :***
Mhux necessarjament.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Jekk inkella thalli f' idejn l-FIAU?

***Ix-Xhud :***
Le le, mhux necessarjment; 'l ghaliex il-persuni li ssemmew fil-Panama Papers, li naf mill-pubbliku, jekk ma kienux fuq xi bord ta' istittuzzjoni licenzjata minn l-MFSA, l-MFSA ma ghandhiex ghalfejn tindahal.

***Imhallef A Lofaro :***
What about FIAU? If  you know dejjem, jekk taf.

***Ix-Xhud :***
No.

***Imhallef A Lofaro :***
No.

***Ix-Xhud :***
Qatt ma hdimt maghhom, u ghalkemm kif ghedtlek konna nikkollaboraw hafna maghhom…

***Imhallef A Lofaro :***
Ehe ghalhekk staqsejtek biss.

***Ix-Xhud :***
…imma aktar konna naghtuhom – hares, hares lejn din f' dak il-bank.

***Imhallef A Lofaro :***
Tghidulhom intom.

***Ix-Xhud :***
U kienu jmorru huma ehe

***Imhallef J Said Pullicino :***
Allura jekk ikun hemm allegazzjoni serja illi l-bank qed jaghmel irregolaritajiet finanzjari serji, dak ma tinteressahx l-MFSA?

***Ix-Xhud :***
Da zgur li tinteressah.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Mela jekk wiehed jiftah kont barra u jigi allegat li l-kont barra nfetah mhux kif suppost li nfetah ghax huwa illegali, jigifieri mhux illecitament infetah barra, anke jekk hix persuna pubblika jew inkella mhix licenzjata..?

***Ix-Xhud :***
Le le, hemmhekk is-supervisor…; pero` inti dwar il-Panama qed issemmi..

***Imhallef J Said Pullicino :***
Jien qed nghid dwar il-funzjoni ta' l-MFSA bhala supervisor sa fejn twassalha; jigifieri jekk kellhiex meta hargu dawn l-allegazzjonijiet tiehu xi azzjoni. Konsiderat li forsi n-nies ..; ghaliex il-Pilatus kienet licenzjata hu?

***Ix-Xhud :***
Ehe. Pero` issa mill-memorja, Pilatus ma ssemmiex meta gew svelati il-Panama Papers.

***Imhallef A Lofaro :***
Le le.

***Imhallef J Said Pullicino :***
All right, fair enough

***Ix-Xhud :***
U l-individwi li ssemmew li ikellhom kumpaniji fil-Panama ma kienux awtorizzati minn l-awtorita` la biex jqqghodu fuq xi Board ..

***Imhallef J Said Pullicino :***
Ehe fuq dak il-punt ..

***Ix-Xhud :***
Allura l-MFSA

***Imhallef J Said Pullicino :***
Ehe, ok.

***Imhallef A Lofaro :***
Ghandkom xi domandi?

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Min-naha taghkom?

***Dr Jason Azzopardi :***
Nixtieq nistaqsi biss fuq id-dossier li semma Dr Camilleri, huwa ….?

***Imhallef A Lofaro :***
Jidhirli  li ghandna ppezentat..

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Le ..

***Dr Jason Azzopardi :***
Ghax nahseb importanti li l-Bord ikollu access ghal dan ir-rapport. Minn l-MFSA.

***Imhallef J Said Pullicino :***
U li semma, semma l-file tal-licenzjar tal-Pilatus.

***Dr Jason Azzopardi :***

Dr Camilleri, inti meta fix-xhieda tieghek kont qed taghmel, referenza ghal, u, xtaqt li, jew issuggerjt li, il-Bord ikollu ghad-dispozizzjoni tieghu rapport, spjegalna ftit, halli ma nitfax kliem f' halqek, jekk joghgbok ghal-liema rapport, jekk huwiex ta' l-MFSA jekk huwiex jismu (ha nivvinta), Pilatus Bank File, halli fil-kaz il-Bord ikun jista' jitlob ghalih

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Ghal dak.

***Ix-Xhud :***
Il-file illi bih il-Pilatus Bank minn qabel inghataw il-licenzja sa meta ittehditlu juri x' sar mal-Pilatus Bank. Il-meetings li saru, l-ispezzjonijiet li saru; iddeficjenzi li gew innotati, x' riferti li saru lill-FIAU, ghax jista' johrog minn hemm ukoll dan ..

***Dr Jason Azzopardi :***
Jigifieri l-Bord ghandu dan il-mansjoni, dan is-setgha li jitolbu.

***Imhallef J Said Pullicino :***
….. imma wiehed irid jara jekk hux utili ghal din l-investigazzjoni, qed tifhem? Ghal liema punt il-Pilatus ..

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Dik irridu naraw.

***Dr Jason Azzopardi :***
Ovvjament inkun nista' inwiegeb dik id-domanda tas-Sinjorija Tieghek wara li nkun naf x' fih; jew wara li l-Bord ikun jaf x' fih.

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Ahna li jimpurtana f' dan l-istadju illi f' dak iz-zmien li inghata l-licenzja l-Pilatus Bank there was nothing unremarkable in that application.

***Dr Jason Azzopardi :***
Ehe, qal.

***Ix-Xhud :***
Hekk hu hekk hu.

***Chairman Imhallef M Mallia :***
There was nothing unremarkable.

***Dr Jason Azzopardi :***
Pero` that was only step one. Wara kien hemm bzonn affarijiet ohrajn

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Imbaghad kien hem step 2, all right? Imma at step 1 there was nothing unremarkable. Issa imbaghad wiehed jara li jkollna dik l-informazzjoni biex tkompli zzid ma' l-informazzjoni li ghandna. Ghax tinsiex illi ma ghandniex kompitu facli.

***Dr Jason Azzopardi :***
Yes yes.

***Ix-Xhud :***
La semmejt id-dossier jekk tippermettuli, l-Awtorita` jista' ikun li jkollha certu ezitazzjoni ghal raguni li hemm..

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Nista' nimmagina.

***Ix-Xhud :***
Hawn Malta hemm tliet kawzi pendenti, u fil-Qorti Ewropea ta' Luxemburg hemm tliet kawzi ohra pendenti mill-Pilatus Bank kontra l-Bank Centrali ta' l-Ewropa.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Dak mhux il-mertu ta' din l-Inkjesta ta' jigifieri.

***Imhallef A Lofaro :***
Grazzi Dr Camilleri.

Din hija s-sustanza tax-xhieda ta' **Avukat Dr Andre` Camilleri** dettata minnu stess fil-prezenza ta' l-istess xhud.

Niddikjara li traskrivejt bl-ahjar hila tieghi x-xhieda ta' l-istess xhud.

Saviour Scicluna
Traskrittur